A.L. 93 ta' l-2001

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 24 u 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ħawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att, liema Ħdax-il Skeda qegħda ħawnhekk iżjed 'l quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

Jemenda l-partita 4 ta' l-Iskeda.

2. Minflok is-subparagrafu (e) tal-paragrafu (2) tal-partita 4 ta' l-Iskeda, għandu jidħol dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(e) vetturi bil-mutur disinjati u manifatturati għall-ġarr ta' oġġetti u ħekk disinjati u manifatturati b'postijiet għall-persuni bilqegħda normalment biswit ix-xufier, jew b'postijiet bilqegħda għal disa' persuni jew aktar.".

Jemenda l-partita 12 ta' l-Iskeda

3. Fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu (1) tal-partita 3 ta' l-Iskeda, minnufih wara l-kliem "fis-subparagrafu (a)" għandhom jidħlu l-kliem jew fis-subparagrafu (d)".